

32000R0961

6.5.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 109/16

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 961/2000
tal-5 ta' Mejju 2000
li jikkonċerna l-klassifika ta' xi prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 254/2000⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda meħmuża mar-Regolament imsemmi, huwa neċċessarju li jiġi adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 qiegħed regoli ġenerali għall-interpretażżjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli jaapplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kollha jew in parti bbażata fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiżżjoni addizzjonali li hi stabbilita minn disposizzjonijiet Komunitarji spēċifiċi, bl-iskop ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fil-prodotti.
- (3) Bis-sahħha tar-regoli ġenerali msemmija, il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda meħmuża mar-Regolament preżenti għandha tkun klassifikata taħt il-kodiċi NM murija fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet provduti fil-kolonna 3.
- (4) Huwa xieraq li, bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-verifikasi doppja u għas-sorveljanza Komunitarja retrospettiva u minn qabel ta' proddotti tat-tessuti fil-Komunità, l-informazzjoni dwar it-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 sa l-1 ta' Jannar 2001 mid-dententur, sabiex id-dententuri ta' l-informazzjoni tat-tariffa li torbot ikunu mogħtija biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu jaddat-taw il-prattiki tan-negozju tagħhom.

għandha x'taqsam il-klassifika tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tikkonformax mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata, taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992⁽³⁾ li jistabbilixxi r-Regolament (KEE) Nru 955/1999⁽⁴⁾, sa l-1 ta' Jannar 2001 mid-dententur, sabiex id-dententuri ta' l-informazzjoni tat-tariffa li torbot ikunu mogħtija biżżejjed żmien biex ikunu jistgħu jaddat-taw il-prattiki tan-negozju tagħhom.

- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 ta' l-iskeda fl-anness hija klassifikata fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM murija fil-kolonna 2 ta' l-iskeda msemmi.

L-Artikolu 2

Bla ħsara għall-miżuri fis-seħħ fil-Komunità li għandhom x'jaqsmu mas-sistemi tal-verifikasi doppja u mas-sorveljanza Komunitarja retrospettiva u minn qabel ta' proddotti tat-tessuti fil-Komunità, l-informazzjoni dwar it-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 sa l-1 ta' Jannar 2001.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Mejju 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 28, tat-3.2.2000, p. 16.

(3) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
(4) ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.

L-ANNESS

| Deskrizzjoni (1) | Klassifika (kodiċi NM) (2) | Raġunijiet (3) |
|---|----------------------------------|---|
| 1. Tessut minsuġ miżbugħ bil-blu tal-cross twill (60 % qoton u 40 % polyester) b'piż ta' 300 g/m ² , b'wisa' ta' bejn wieħed u ieħor 150 cm. It-tessut għandu iskrizzjoni hadranja ċċarata li turi l-logo tal-kumpannija, ta' daqs bejn wieħed u ieħor 4 cm fl-għoli u bejn wieħed u ieħor 2 cm fil-wisa' mqiegħed bejn wieħed u ieħor 13 cm mill-ħaxja u kontinwament ripetut f'bejn wieħed u ieħor intervalli ta' 20 cm tul iż-żewġ truf (Ara r-ritratt Nru 599 A + B) (*) | 5211 32 00 | Il-Klassifika hi determinata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 2(A) mat-Taqsima XI, subintestatura nota 1(g) mat-Taqsima XI, nota 1 mal-Kapitolu 54 u l-kliem tal-kodiċi NM 5211 u 5211 32 00 L-iskrizzjoni stampata ma tagħtix lill-prodott il-karatteristiċi ta' tessut stampat |
| 2. Tessut minsuġ miżbugħ bil-blu ċar (100 % polyester) b'wisa' ta' bejn wieħed u ieħor 150 cm, magħmul minn fibri bażiċi. It-tessut għandu iskrizzjoni stampata b'kulur isfar "MIŻBUGĦA BIL-KULUR U MLESTIJA FIR-RENJU UNIT MEMBRU TALK-KEE" ta' daqs bejn wieħed u ieħor 0,4 cm fl-għoli mqiegħed bejn wieħed u ieħor 1,2 cm mill-ħaxja (Ara r-ritratt Nru 598 A + B) (*) | 5512 19 90 | Il-Klassifika hija ddeterminata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, subintestatura nota 1(g) mat-Taqsima XI, nota 1 mal-Kapitolu 54 u l-kliem tal-kodiċi NM 5512, 5512 19 u 5512 19 90 L-iskrizzjoni stampata ma tagħtix lill-prodott l-istess karatteristiċi ta' tessut stampat |
| 3. Tessut minsuġ ikkulurit bil-blu tal-cross twill (65 % polyester u 35 % tal-qoton) b'piż ta' 245 g/m ² , b'wisa' ta' bejn wieħed u ieħor 150 cm, magħmul minn fibri bażiċi. It-tessut għandu iskrizzjoni stampata bl-iswed li turi l-logo tal-kumpannija, ta' qies bejn wieħed u ieħor 1,5 cm fl-għoli u bejn wieħed u ieħor 3 cm fil-wisa' bejn wieħed u ieħor 4,5 cm mill-ħaxja fuq naħħa waħda u bejn wieħed u ieħor 9 cm fuq in-naħħa l-oħra u kontinwament ripetut f'bejn wieħed u ieħor intervalli ta' 28 cm tul iż-żewġ truf (Ara r-ritratt Nru 601 A + B) (*) | 5514 22 00 | Il-Klassifika hija ddeterminata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 2(A) mat-Taqsima XI, in-nota tas-subintestatura 1(g) mat-Taqsima XI, nota 1 mal-Kapitolu 54 u l-kliem tal-kodiċi NM 5514 u 5514 22 00 L-iskrizzjoni stampata ma tagħtix lill-prodott il-karatteristiċi ta' tessut stampat. |
| 4. Tessut minsuġ ikkulurit bl-iswed (65 % polyester u 35 % viscose) b'piż ta' 320 sa 340 g/m ² , b'wisa' ta' bejn wieħed u ieħor 150 cm, magħmul minn fibri bażiċi. It-tessut għandu iskrizzjoni stampata bil-kulur isfar "...MAGĦMUL FIR-RENJU UNIT MEMBRU TALK-E.E.", ta' daqs bejn wieħed u ieħor 0,4 cm fl-għoli mqiegħed bejn wieħed u ieħor 0,5 cm mill-ħaxja, fuq tarf wieħed (Ara ritratt Nru 597 A + B) (*) | 5515 11 90 | Il-klassifika hi ddeterminata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 2(A) mat-Taqsima XI, in-nota tas-subintestatura 1(g) mat-Taqsima XI, nota 1 mal-Kapitolu 54 u l-kliem tal-kodiċi NM 5515, 5515 11 u 5515 11 90 L-iskrizzjoni stampata ma tagħtix lill-prodott il-karatteristiċi ta' tessut stampat |
| 5. Tessut minsuġ miżbugħ bil-kulur iswed (65 % polyester u 35 % viscose) b'piż ta' 320 g/m ² , b'wisa' ta' bejn wieħed u ieħor 150 cm, magħmul minn fibri bażiċi. It-tessut għandu iskrizzjoni stampata bil-kulur isfar "MIŻBUGĦ U MLESTI FIR-RENJU UNIT MEMBRU TALK-E.E.", ta' daqs bejn wieħed u ieħor 0,4 cm fl-għoli u mqiegħed bejn wieħed u ieħor 0,5 cm mill-ħaxja u kontinwament ripetut f'bejn wieħed u ieħor intervalli ta' 17-il cm tul iż-żewġ trufijiet (Ara ritratt Nru 600 A + B) (*) | 5515 11 90 | Il-Klassifika hi ddeterminata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, nota 2(A) mat-Taqsima XI, nota mas-subintestatura 1(g) mat-Taqsima XI, man-nota 1 mal-Kapitolu 54 u l-kliem tal-kodiċi NM 5515, 5515 11 u 5515 11 90 L-iskrizzjoni stampata ma tagħtix lill-prodotti il-karatteristiċi ta' tessut stampat |

(*) Ir-ritratti huma biss għal skopijiet illustrativi.









